Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea
**STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 90/18**
Il-Lussemburgu, 21 ta' Ġunju 2018

Sentenza fil-Kawża C-557/15
Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika ta' Malta

# Bl-adozzjoni ta' sistema derogatorja partikolari li tippermetti l-insib għal seba' speċi ta' għasafar selvaġġi, Malta naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-dritt tal-Unjoni

*Din is-sistema ma hijiex konformi mal-kundizzjonijiet stretti previsti mid-Direttiva dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi*

Direttiva tal-Unjoni[1] tipprevedi li l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha sabiex jistabbilixxu sistema ġenerali għall-protezzjoni ta' diversi speċi ta' għasafar. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jidderogaw minn dan l-obbligu jekk ma jkunx hemm soluzzjoni oħra sodisfaċenti sabiex jiġu permessi, taħt kundizzjonijiet ta' sorveljanza stretta u b'mod selettiv, il-qabda, iż-żamma jew kwalunkwe użu meqjus ieħor ta' ċerti għasafar f'numri żgħar.

Fl-2014 u fl-2015, Malta adottat diversi miżuri li jippermettulha tibbenefika mid-deroga prevista fid-Direttiva. Dawn il-miżuri jawtorizzaw l-insib għal seba' speċi ta' għasafar tal-għana bl-użu ta' xbiek tradizzjonali ("clap-nets"), bil-kundizzjoni li jiġu osservati numru ta' kundizzjonijiet.

Il-Kummissjoni tqis li s-sistema derogatorja prevista minn Malta matul dawn is-sentejn ma tissodisfax il-kundizzjonijiet tad-Direttiva. Hija għalhekk iddeċidiet li tippreżenta rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu kontra dan l-Istat Membru quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

Fis-sentenza tagħha tal-lum, **il-Qorti tal-Ġustizzja qed tiddeċiedi, l-ewwel nett, li l-miżuri tal-2014 u tal-2015 li jawtorizzaw l-insib għall-għasafar tal-għana fil-ħarifa ma humiex konformi mad-Direttiva peress li ma jinkludu ebda indikazzjoni dwar l-ineżistenza ta' soluzzjoni sodisfaċenti oħra**. Il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar il-ġurisprudenza tagħha li minnha jirriżulta li l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw interventi li jolqtu lill-ispeċi protetti fuq il-bażi biss ta' deċiżjonijiet li jkun fihom motivazzjoni preċiża u adegwata li tirreferi għall-kundizzjonijiet tad-Direttiva. Il-Qorti tal-Ġustizzja qed tiddeċiedi li d-dikjarazzjonijiet inkwistjoni ma fihomx tali motivazzjoni. Fil-fatt, dawn id-dikjarazzjonijiet mhux biss ma fihom ebda indikazzjoni dwar l-ineżistenza ta' soluzzjoni sodisfaċenti oħra iżda, barra minn hekk, la jirreferu għar-rapporti tekniċi, legali u xjentifiċi ppreżentati quddiem il-Kumitat Ornitoloġiku Malti u lanqas għar-rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq dawn l-elementi.

**It-tieni nett**, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li **Malta ma osservatx il-kundizzjoni tad-Direttiva li d-deroga awtorizzata għandha tikkonċerna biss "numri żgħar" ta' għasafar**. Il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li l-kundizzjoni dwar teħid ta' "numri żgħar" ma tistax tkun issodisfatta jekk it-teħid ta' għasafar awtorizzat bħala deroga ma jiggarantixxix iż-żamma tal-popolazzjoni tal-ispeċi kkonċernati f'livell sodisfaċenti. Il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li Malta ma pprovdietx provi suffiċjenti sabiex turi li din il-kundizzjoni hija ssodisfatta.

F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva b'mod partikolari li, **skont studju tal-organizzazzjoni mhux governattiva BirdLife Malta tal-2007, l-insib f'Malta tant huwa intensiv li numru żgħir ferm ta' individwi ta' kull waħda mill-ispeċi komuni ta' għasafar tal-għana**

[1] Direttiva 2009/147/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-konservazzjoni tal-għasafar selvaġġi (ĠU 2010, L 20, p. 7).

**jirriproduċu b'mod abitwali fuq il-gżira, filwaqt li jirriproduċu f'numri kbar f'reġjuni oħra tal-Mediterran.**

Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li, għalkemm Malta tallega li ħadet inkunsiderazzjoni biss il-popolazzjonijiet ta' referenza minn pajjiżi fejn il-popolazzjonijiet huma stabbli jew qegħdin jikbru, l-għażla ta' dawn il-popolazzjonijiet imwettqa minn Malta mhux dejjem kienet konformi mal-metodoloġija ddikjarata. B'hekk, min-noti tekniċi mħejjija mill-awtoritajiet Maltin jirriżulta li dawn tal-aħħar ħadu inkunsiderazzjoni, fir-rigward tal-istaġun tal-insib fil-ħarifa tal-2015, popolazzjonijiet ta' referenza li qegħdin jonqsu jew li l-istatus ta' konservazzjoni tagħhom ma kienx magħruf.

**It-tielet nett**, il-Qorti tal-Ġustizzja tfakkar li, meta l-kundizzjoni li t-teħid jikkonċerna biss numri żgħar ma tkunx issodisfatta, it-teħid tal-għasafar għal finijiet rikreattivi ma jistax jitqies li huwa użu meqjus. Barra minn hekk, **il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li lanqas il-kundizzjoni li teżiġi li għandu jiġi awtorizzat biss l-insib selettiv għal għasafar tal-għana ma hija ssodisfatta.** B'mod partikolari, fid-dawl b'mod partikolari tal-fatt li l-awtoritajiet Maltin ammettew l-eżistenza ta' "qabdiet inċidentali", il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva n-natura mhux selettiva tal-metodu ta' qabda permezz ta' xbiek.

**Fl-aħħar nett**, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonkludi li **Malta ma stabbilixxietx li d-deroga inkwistjoni tintuża taħt kundizzjonijiet ta' sorveljanza stretta fis-sens tad-Direttiva**. Hija tqis li fil-kuntest Malti, ikkaratterizzat minn densità kbira ħafna ta' detenturi ta' liċenzja, jiġifieri iktar minn 4 000, u ta' mnasab irreġistrati, jiġifieri iktar minn 6 400, il-fatt li kienu biss 23 % tan-nassaba li kienu suġġetti għal verifiki individwali jidher li huwa insuffiċjenti.

Barra minn hekk, huwa stabbilit li n-nuqqas ta' osservanza tar-restrizzjonijiet dwar il-perijodi u l-postijiet ta' nsib awtorizzati, b'mod partikolari permezz tal-prattika tal-insib fi ħdan siti "Natura 2000", kien pjuttost frekwenti matul l-istaġun tal-insib fil-ħarifa tal-2014.

**Għaldaqstant, il-Qorti tal-Ġustizzja qed tiddeċiedi li Malta naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-Direttiva.**

---

**TFAKKIRA:** Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, ippreżentat kontra Stat Membru li jkun naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-dritt tal-Unjoni, jista' jiġi ppreżentat mill-Kummissjoni jew minn Stat Membru ieħor. Jekk in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu jiġi kkonstatat mill-Qorti tal-Ġustizzja, l-Istat Membru kkonċernat għandu jikkonforma ruħu mas-sentenza fl-iqsar żmien possibbli.

Meta l-Kummissjoni tqis li l-Istat Membru ma kkonformax ruħu mas-sentenza, hija tista' tippreżenta rikors ġdid fejn titlob sanzjonijiet pekunjarji. Madankollu, fil-każ ta' nuqqas ta' komunikazzjoni ta' miżuri ta' traspożizzjoni ta' direttiva lill-Kummissjoni, fuq proposta tagħha, sanzjonijiet jistgħu jiġu imposti mill-Qorti tal-Ġustizzja fl-istadju tas-sentenza inizjali.

---

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinsab fuq is-sit CURIA mill-jum li fiha tingħata s-sentenza*

*Kuntatt għall-istampa: Holly Gallagher ☎ (+352) 4303 3355*